Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 106/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Jeffrey Vella

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jeffrey Vella, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 537577M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Fuq talba tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat:

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' VALURU CO. LIMITED u/jew bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lid-Direttur

Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (7) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fid-29 ta' Frar, 2012 sal-31 ta' Awwissu, 2013 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76(c) u 76(d) tal-Att XXIII tal-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija:

(i) Tinfliggi l-piena skond il-ligi; jew
(ii) Minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmle dan, liema zmien ma ghandux jeccedi tlett xhur, that multa ta' €5 kuljum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 27, 66, 76(c) u 76(d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' seba' mitt Ewro (€700).

Il-Qorti, b'applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Att Nru. XXIII tal-1998 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur millum jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hames Ewro (€5) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jeffrey Vella pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2015, fejn lil din l-Onorabbli Qorti, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudzizju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' Jeffrey Vella huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok u bir-rispett l-esponent umilment jirrileva illi s-sejbien ta' htija taghha mill-ewwel Onorabbli Qorti, hija wahda 'unsafe and unsatisfactory'. Illi l-esponent huwa ta' l-umli fehma illi in linea generali r-rizultanzi porcesswali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali. Ma ngabitx prova sufficjenti li l-esponent kien responsabbli skond l-imputazzjoni kif migjuba.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedent, it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-esponent qatt ma kellu jinstab hati tal-akkuzi addebitati lilu peress illi ma kienx l-persuna responsabbli ghall-operat u l-gestjoni tan-negozju in kwistjoni, anzi, l-persuna registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud kienet persuna Spanjola li abbandunat in-negozju u telqet minn Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent, it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Dato non concess li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravji tal-esponenti u xorta ssib htija fih, il-piena inflitta fuq l-esponenti mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghal portata ta' dan il-kaz. Fil-fehma tal-esponenti ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u li tinghata piena lit kun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi minghajr pregudizzju, ghall-premess, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponenti umilment jemmen li fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favor temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jivventila tlett lanjanzi fl-appell minnu intentat u dan meta fl-ewwel lok jilmenta mill-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi, imbaghad jikkontendi illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli ghall-operat u gestjoni tan-negozju mertu tal-kaz fejn il-persuna registrata kienet persuna ta' nazzjonalita spanjola li abbandunat in-negozju u finalment illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet eccesiva.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti, il-qorti hija tal-fehma illi qabel xejn ghandu jigi itrattat it-tieni aggravvju billi dan jista' ixejjen l-azzjoni penali kontra l-appellanti fl-eventwalita li ikun wiehed fondat.

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellanti jirrizulta illi huwa gie imharrek "ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Valuru Co. Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kumissarju tat-Taxxi skond l-Att ta'l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud". L-appellanti jikkontendi illi l-persuna li kienet irregistrata mad-dipartiment kienet persuna ta' nazzjonalita spanjola li abbanduna in-negozju. Jikkontendi ghalhekk illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli mill-gestjoni tan-negozju u ma kellux jigi imharrek biex iwiegeb ghal din l-azzjoni penali marbuta mal-erarju fiskali.

Issa mill-atti probatorji u senjatament mid-Dokument MG2 jirrizulta illi l-applikazzjoni ghal registrazzjoni ai fini ta' taxxa saret fizikament minn certu Jose

Manuel Segura Fernandez fejn giet irregistrata is-socjeta Valuru Co. Ltd. Izda imbaghad mid-dokumenti sussegwenti mahruga mir-registru tal-Malta Financial Services Authority johrog illi l-appellanti kien kemm direttur, kif ukoll company secretary u kellu r-rapprezentanza legali u gudizzjarji tas-socjeta u dan fil-perijodu indikat fl-akkuza.

Illi l-artikolu 27 tal-Kap. 406 li abbazi tieghu jinsab akkuzat l-appellanti ighid:

**"Kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv."**

Illi l-persuna registrata f'dan il-kaz mhijiex kif indikat erronjament mill-appellanti il-persuna ta' Jose Manuel Segura Fernandez, izda s-socjeta Valuru Company Limited u mhux il-persuna fízika li imliet l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni, f'dan il-kaz l-Ispanjol Segura Fernandez.

Issa l-artikolu 66 tal-Att jistabilixxi illi l-persuna fil-vesti taghha ta' segretarju, manager, direttur ecc. ta' korp maghqud hija dik il-persuna li ghandha ir-rappresentanza ta'l-istess. Kwindi f'dan il-kaz ir-rapprezentanza guridika tal-persuna registrata u cioe' f'dan il-kaz tas-socjeta Valuru Co. Limited m'hija hadd hlief l-appellanti Jeffrey Vella u dan kif johrog mix-xhieda ta' Dr. Amanda Poole li xehdet ghan-nom ta' Malta Financial Services Authority fejn spjegat illi l-appellanti kien direttur fil-perijodu indikat fl-akkuza u ukoll assuma l-funzjoni ta' *company secretary* fl-10 ta' Ottubru 2012 wara r-rizenja ta' Fernandez. Kwindi dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment.

Illi l-appellanti isostni illi kienu ittiehdu il-prekawzzjonijiet kollha necessarja minn naha tieghu ghall-osservanza tal-ligi u li allura l-Ewwel Qorti malament sabitu hati

meta ma qisietx l-impossibbilita tieghu milli jottempera ruhu mal-ligi billi l-persuna li kienet qed tiehu hsieb in-negozju dahhket bih u sahansitra iddefrodah minn ammont sostanzjali ta' flus. Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem mhux biss l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 , izda konsoni ma'l-istess disposizzjoni ta' interpretazzjoni, l-Att innifsu dwar il-Valur Mizjud fl-artikolu 82 jiddisponi:

*"B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkunsaret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas."*

Issa bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta'l-appellanti ma hemmx l-icken prova in atti li tindika remotament x'passi ha l-appellanti sabiex jottempera ruhu mal-ligi ghalkemm l-appellanti jikkontendi illi is-sieheb tieghu fin-negozju kien iddefrodah u allura keccieh biex b'hekk kellu jiehu hsieb il-kotba u il-hlasijiet tal-kredituri ftit ftit. L-appellanti kien ben konxju tal-fatt illi huwa kellu jissottometti id-denunzji tat-taxxa lid-Dipartiment iktar u iktar ghad-denunzji li kellhom jigu sottomessi wara l-10 ta'Ottubru 2012 f'liema data l-Ispanjol Fernandez kien irrizenja minn kwalsiasi kariga li kien jokkupa fi hdan il-kumpanija. Izda, meta mistoqsi minn din il-Qorti jekk huwa avvicinax lid-Dipartiment tal-Valur Mizjud sabiex jispjegalhom il-problemi li sab wiccu maghhom u ghalhekk li kellu bzonn ftit taz-zmien sabiex idahhal id-denunzji u jaghmel il-hlas relattiv, huwa wiegeb fin-negattiv, tant illi sal-lum, tlett snin wara, ghadu lanqas ottempera ruhu mal-ligi. Dan ifisser indubbjament mhux biss illi d-denunzji ghal perijodu taz-zmien indikati fl-akkuza ma gewx ipprezentati kif lanqas il-hlas relattiv, izda ukoll illi l-appellanti ma hax

dawk il-passi necessarji mad-Dipartiment sabiex jinghata z-zmien jottempera ruhu ma'l-obbligu fiskali li kien ghadu pendenti.

Illi allura kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ma hemmx dubbju illi l-akkuza tirrizulta ippruvata ghaliex anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni ta'l-appellanti xortawahda ghandu jirrizulta illi dawn id-denunzji ma gewx ipprezentati u allura ghan-nom tas-socjeta minnu rapprezentata l-appellanti sar hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 76(c) u (d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta huwa naqas li jottempera ruhu ma' dak dispost fl-artikolu 27. Illi gie deciz:

*"min jassumi karigi simili bhal company secretary jew ta' ufficjal ta' kumpanija li jirrenduh responsabbli ghall-obbligi tas-socjeta' versu d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, irid joqghod ferm attent li jkun f' pozizzjoni li jwettaq dawn l-obbligi fiskali strettament u rigorozament. Jekk ma jkunx hekk munit bil-mezzi biex jadempixxi dawn l-obbligi, s-soluzzjoni trid tkun ir-rizenja tempestiva mill-kariga tieghu akkost li b'hekk jitlef xi onerarju jew kumpens iehor finanzjarju marbut ma tali kariga. (Ara f'dan is-sens App. Krim. Il-Pulizija vs. J.C Farrugia [02.04.09]).[1]"*

Finalment jifdal biex jitqies l-ahhar aggravvju li jikkoncerna il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti. Illi minghajr tlaqliq il-Qorti tistqarr illi dan l-aggravvju lanqas ma jisthoqqlu konsiderazzjoni billi huwa evidenti illi l-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi u tqarreb lejn il-minimu. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed.**

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Robertino Tufigno 14/07/2009

**The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. (Blackstone Criminal Practice 2004).** Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur